# IL-KURUNELLA F'GIEH SAN GUZEPP

## X'INHIJA KURUNELLA?

Il-kurunelli huma talbiet lill-qaddisin miktuba f'versi mqabbla u kienu fost l-aktar xoghlijiet li baqa' maghruf ghalihom il-Kanonku Ludovico Mifsud Tommasi.
Il-kontenut taghhom kien immirat ghall-kotra b'taghlim religjuz ipprezentat b'mod l-aktar semplici biex kulhadd jiftakru malajr.
L-ghan tal-kittieb tal-kurunelli kien li jgholli kemm jista' jkun fil-glorja li tixraqilhom lil dawn il-qaddisin u jipprezentahom lill-poplu bhala xiehda per eccellenza ta' dak li ghalina sar bniedem, bata, miet u qam rebbieh.



# Kurunella lil San Ġużepp

I
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
Gharus tassew minn ta' Marija
Bosta thassibt, soghba garrabt
Meta b'Gesu' rajtha moghnija

Izda bil-ferh qalbek intliet
Hekk kif mis-Sema l-ahbar int hdat
Li daka l-Iben, frott tal-Qdusija
Is-sahha kien minn ta' Kulhadd

Pater, Ave u Gloria.

II
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
F'qalbek hassejt l-akbar dulur
Meta go ghar rajt lil Gesu'
Imwieled fqir bil-bard mahqur

Izda mahrug minnek innifsek
Bil-ferh, u l-hena qalbek intliet
Meta smajt l-Angli li gew mis-sema
Il-gieh ihabbru minn tal-Milied

Pater, Ave u Gloria

III
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
Giet b'imrar kbir qalbek mimlija
Waqt li ta' demmu l-ewwel qatriet
Xerred ghalina Gesu' tarbija.

B'ferh izda kbir qalbek imlielek
Minn ta' Gesu' l-isem sabih,
Illi mill-Anglu sa minn zmien qabel
Il-jedd giek moghti biex issemmih
Pater, Ave u Gloria.

IV
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
B’sejf l-izjied ahrax qalbek darablek
Xmuni ix-Xwejjah meta fit-Tempju
Ta’ Gesu’ Sidna l-mewt habbarlek.

Izda bil-ferh qalbek thenniet
Ghax smajt int kif dik it-tbatija
Kellha ghalina tisfa’ bi hlas
Sabiex mill-jasar nigu mifdija.

Pater, Ave u Gloria.

V
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
Ghexiewi kbar f’qalbek garrabt
Meta b’Gesu’ mort go l-Egittu
Sabiex t’Erodi il-qilla hrabt

B’ferh izda kbir farraglek qalbek
Dak Gesu’, li int harist:
Mieghek imghannaq, imghannaq mieghu
Bin-nar ta’ mhabbtu kollok int kbist

Pater, Ave u Gloria.

VI
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
Giet b’ghoqla kbira qalbek maghsura
Meta fir-reggha minn ta’ l-Egittu
Il-biza’ riedek l’int terga’ lura.

Izda mill-gdid il-ferh intraddlek
Meta lil qalbek biex issabbarlek
Il-biza’ kollu nehhielek l-Anglu
U kbir mistrieh nizel habbarlek.

Pater, Ave u Gloria.

VII
O Kbir Missier Guzeppi Mqaddes
Ahrax tnehid ghal tlett ijiem
Minn qalbek slitt daqskemm Gesu’
Minnek mitluf jitfittex diem.

Ferh ta’ bla tmiem izda garrabt
Hemm got-Tempju meta misjub
Rega’ gie minnek Sidna Gesu’
Xemx jaghti l-hajja, Hena tal-qlub.

Pater, Ave u Gloria.